Noel D'Anastas – ndanastas@gmail.com

# Julie Zahra tniedi l-EP 'No Loving'

Nhar it-Tnejn li ghadda nhareġ l-EP ġdid ta' Julie Zahra 'No Loving'. It-tnedija internazzjonali qed issehh permezz ta' *Musical Identity UK*. 'No Loving' hi ġabra ta' seba' kanzunetti f'xenarju ta' *cool alternative* li johroġ id-dimensjoni wiesgha vokali ta' Julie Zahra minn dik li kienet suċċess fuq ir-radju *Take me away* ghal hoss aktar kwiet bil-pjanu fis-silta *With You.*

Julie, li fl-2004 kienet irrappreżentat lil Malta fil-Eurovision Song Contest




fid-dwett ma' Ludwig Galea, kienet ilha tahdem fuq dan il-hoss il-ġdid ghal dawn l-ahhar snin. Dan l-EP hu l-aperitiv ta' dak li se twassal fl-ewwel xhur tas-sena l-ġdida, inkluż numru ta' prestazzjonijiet u kunċerti.

Dan il-proġett hu kompost u prodott minn Owen Caruana fl-istudio ta' Musical Identity UK u mmasterjat f'Abbey Road.

Julie kkollaborat ukoll ma' mużiċisti ta' kalibru internazzjonali li huma bażati f'Londra, fosthom Andrea Marongiu li jdoqq ma' Crystal Fighter, il-bassista jazz Lorenzo Bassignani ta' Groove Razors u l-keyboardista Matt Baker ta' Mars Patrol.

*Tracks* ohra f'dan l-EP huma *Heal a Love*, *SkulPTor*, *Time*, *Delight* u t-title track *No Loving.*

L-EP 'No Loving' se jkun ghall-bejgh minn fuq Amazon, iTunes u siti ohra ta' *downloads.* Tista' tisma' parti minn dawn is-*songs* fuq Amazon UK *www.amazon.co.uk/s/ref=ntt srch drd B00GAVAG34?ie=UTF8&field-keywords=Julie%20Zahra&index=digital-music&search-type=ss.*



Julie Zahra

## Jitħabbar il-festival L-Għanja tal-Poplu 2014

Dan l-ahhar, fil-bitha tat-Teatru Manoel, tnieda uffiċjalment it-38 edizzjoni tal-Festival L-Ghanja tal-Poplu 2014.

It-tnedija saret waqt lejla organizzata minn *Poeżija Plus* fejn kien hemm ukoll is-sehem tad-duo Mistura, Walter Micallef, Frank O'Neill, u Justin Galea akkumpanjat minn Danjeli. Jo Debono, chairman ta' Studio 7, semma' *recordings* antiki fuq *reel* ta' kanzunetti minn Manwel Mifsud u Merga li jmorru lura ghall-1974.

L-Ghanja tal-Poplu 2014 se jsir fil-15 ta' Marzu 2014 fit-Teatru Sir Temi Zammit tal-Università. Il-parteċipanti rebbieha fl-ewwel tliet postijiet se jkunu preżentati trofej artistiċi u se jirċievu €1000, €600 u €400 rispettivament. Il-persuna jew grupp li jirbah il-premju kantawtur jinghata wkoll premju ta' €500.

Awturi, kompożituri, kantawturi u gruppi mużikali mistiedna jissottomettu l-kanzunetti taghhom fl-24 ta' Jannar 2014. Il-kontribuzzjoni biex wiehed jipparteċipa hi minima ta' €25 u n-numru ta' kanzunetti li jistghu jiġu sottomessi mhuwiex limitat.

It-38 edizzjoni ta' *L-Ghanja tal-Poplu*



Id-duo Mistura waqt Poeżija Plus *(Ritratt: Eric Bugeja)*

se tixxandar dirett fuq it-TV u radju. Dan il-festival qed jittella' bil-kollaborazzjoni ta' Studio 7 u bl-ghajnuna tal-Malta Arts Fund. Ir-regolamenti u applikazzjoni jinstabu fis-sit *www.ghanjafest.com.*

Il kumitat organizzattiv hu maghmul minn Charles Schembri *(Chairperson),* Fr Maurice Mifsud (organizzatur), Alexia Cutajar Conti (segretarja), Josephine Ebejer Grech (PRO) u Noel D'Amato (koordinatur).

## *Teatru Unplugged* fil-Manoel

L-appuntament ghas-16-il edizzjoni ta' *Teatru Unplugged* se jkun fis-6, 7 u 8 ta' Diċembru fit-Teatru Manoel bis-sehem tal-mużika akustika ta' Gianluca Bezzina, Rachel Fabri, The Crowns, Stalko, Chris Grech, Raquela u Red Electrick u bi preżentazzjoni ta' Josef Bonello.

Mill-1998 'l hawn, *Teatru Unplugged* sar avveniment fil-kalendarju mużikali Malti hajr ghal ko-fondaturi Jonathan Shaw u Nirvana Azzopardi, il-preżentattriċi televiżiva li ġimghat ilu tilfet il-battalja kontra l-marda tal-kanċer. Bla dubju, din l-edizzjoni taghti tislima xierqa lil Nirvana ghas-sehem taghha.

Wiehed jista' jibbukkja l-biljetti tieghu minn fuq is-sit tat-Teatru Manoel *www.teatrumanoel.com.mt* jew iċċempel 21246389.

*Teatru Unplugged* se jkun sponsorjat minn GO plc.

